A.L. 148 ta' l-2003

ATT DWAR IS-SEKWESTRU U L-KUSTODJA TA' MINURI (KAP. 410)

Ordni ta' l-2003 li jemenda l-Ordni dwar il-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(1) ta' l-Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri, il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin għamel dan l-ordni li ġej:–

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' l-2003 li jemenda l-Ordni dwar il-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri (Emenda Nru. 2), u għandu jiftiehem u jinqara bħala ħaġa waħda ma' l-Ordni ta' l-2000 dwar il-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Ordni prinċipali".

A.L. 130 ta' l-2000.

Jemenda l-Iskeda li tinsab ma' l-Ordni prinċipali.

2. Minnufih wara l-pajjiż "Stati Uniti ta' l-Amerika" u d-data ta' Bidu fis-Seħħ "1 ta' Frar 2003" fl-Iskeda li tinsab ma' l-Ordni prinċipali, għandu jiżdied dan li ġej:–

Pajjiż	Data ta' Bidu fis-Seħħ
"Belġju	1 ta' Mejju 2003".